# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2024**

**Numru 8**

**Rikors Numru 904/20TA**

**Tereza Spiteri (K.I.423939M)**
**vs**
**Victoria Gauci (K.I. 131188M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Tereza Spiteri (l-Attriċi) tat-12 ta' Ottubru 2020

li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi fis-26 ta` April, 2018 il-konvenuta kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NQZ 295 fi Vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta` Novembru, Zejtun. B`nuqqas ta` hsieb u bi traskuragni, kif ukoll b` nuqqas ta` tharis tar-regolamenti tat-traffiku, il-konvenuta tajret lill-esponenti u kkagonat lilha griehi ta`natura gravi.

2. Illi minbarra telf iehor l-esponenti sofriet debilita` permanenti b` rizultat ta ` l-incident imsemmi.

Il-konvenuta giet interpellata permezz ta` ittra ufficjali datata d-29 ta` Mejju,2020 sabiex tersaq ghal-likwadizzjoni u l-hlas tad-danni li gew kagonati minnha, izda baqghet inadempjati.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet suesposti:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenuta hija responsabbli ghall-incident li gara, kif spjegat, fis-26 ta` April,2018 fi vjal il-Hamsa u Ghoxrin ta` Novembru, Zejtun meta l-esponenti giet imtajra u sofriet id-danni;

ii. Tillikwida d-danni konsegwenzjali li sofriet l-esponenti b` rizultat ta` dan l-incident, u

iii. Tordna lill-konvenuta sabiex thallas lill-esponenti d-danni li jigu hekk likwidati;

Bl-ispejjez, kompriz dawk ta` l-ittra ufficjali datata d-29 ta` Mejju,2020, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Victoria Gauci (il-konvenuta) tal-20 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, l-intimata qedha tissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2154 (1) tal-Kap 16;

2. Illi sussidjarjament u strettament minghajr pregudizzju ghal dak suespost, u fil-mertu, jigi sottomess illi t-talbiet attrici huma infondani fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha;

3. Illi kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti, l-intimata, ma kellha **assolutament u certament ebda tort u responsabilita** ghall-incident awtomobilistiku *de quo*, li filfatt gara tort unikament tal-istess attrici li ma ezercitax prudenza massima meta giet biex taqsam it-triq;

4. Illi la darba l-intimata **ma tahti assolutament xejn u mhux responsabbli** ghall-incident mertu ta` dawn il-proceduri, ma hemmx lok illi jigu likwidati kwalunkwe danni a favur ta` l-attrici;

5. Illi *in ogni caso*, u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid ggib prova tad-danni sofferti minnha u kif ukoll prova illi ghad-danni hekk sofferti minnha, tahti unikament u biss l-istess intimata;

**6.** Illi jinghad, **illi minkejja illi r-rikorrenti qed tipprova sejjes it-talba taghha fuq is-sejbien ta` htija tal-konvenuta mil-Qorti tal-Magistrati permezz ta` sentenza datata, fejn l-intimata ammettiet ghal l-akkuza migjuba kontra taghha li, z-zewg azzjonijie**t, u *cioe* dik Kriminali u dik Civili, **huma totalment indipendenti minn xulxin, hekk kif stipulat skont l-Artikolu 6 tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta` Malta;**

Salv eccezzjonijiet ulterjuri, ai termini tal-ligi, jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti u dokumenti fil-Kawża.

Qrati u semgħet ix-xhieda prodotta fil-perkors tas-smiegħ ta' din il-Kawża.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Fis-26 ta' April 2018, l-Attriċi sfat milquta' mill-vettura reġistrazzjoni numru NQZ 295 misjuqa mill-konvenuta. Dan l-inċident seħħ fi Vjal il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru fl-2018, meta l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura tagħha bir-rivers u daħlet fuq l-Attriċi li dak in-nhar kellha 79 sena.

L-attriċi qed tagħmel din il-kawża għad-danni sofferti minnha b'konsegwenza tal-inċident u tgħid li dan seħħ tort tal-konvenuta.

**Punti ta' Liġi**

Il-kawżali u t-talbiet kif mfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw 'culpa aquilina' lill-konvenuta, għad-danni li l-Attriċi ssostni li sofriet u li qed issofri konsegwenza tal-ħsara li hija ġarbet fuq il-persuna tagħha f'dan l-inċident.

Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn Culpa Aquiliana fl-Artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju li min ikun l-awtur tal-ħsara ħuwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` culpa iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaħa bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-'bonus paterfamilias'.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi "*min ifittex għad-danni jrid jipprova mħux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti"* (ara - **Kollez. Vol. XXX. I. 142**).

Ħuwa wkoll aċċettat fil-ġurisprudenza tagħna illi *"l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha billi wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"* (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74**).

Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet*

*remotissimi u inverosimili*" (ara – **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Ikompli jingħad fis-sentenza riportata fil-Kollez. **Vol. XXIV. I. 172**, illi hemm il-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*".

Fis-**Sentenza fl-ismijiet 'Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et' deċiża minn din il-Qorti (PA/PS) fit-3 ta` Ottubru 2003**, b`referenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, jingħad:- "*Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extrakontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennunċja l-prinċipju in virtu ta` liema l-lezzjoni kaġjonata lis-suġġett tobbliga lill-awtur tal-lezzjoni li jirriżarċixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tiegħu; Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` ċivili hi ravviżata flimġieba imputabbli għal dolo jew culpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan nuqqas ta` ħsieb, bi traskuraġni, jew b` nuqqas ta` ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta` tħaris tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali*".

Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech** et ingħad illi:- "*jidher li l-azzjoni*

*attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut ma` d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi ħuwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inħi l-"ħtija", madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jixlu lill-imħarrkin b`rieda iżjed minn sempliċi traskuraġni, iżda bil-ħsieb jew l-intenzjoni tal-ħażen li kellu jissarraf fit-teħid tal-kajjik tagħhom".*

Għalhekk din il-Qorti ser tkun qed tikkonsidra din il-Kawża fost oħrajn fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali.

**Konsiderazzjonijiet**

*Il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2154 (1) tal-Kodiċi Ċivili.*

Qabel kull konsiderazzjonijiet oħra, l-ewwel ma trid tkun deċiża hija l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta fis-sens li azzjoni attriċi hija estinta bil-preskrizzjoni taħt artikolu 2154(1) tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li "*Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali"*. Dawn il-preskrizzjonijiet kriminali huma previsti f'artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali.

Għalhekk filwaqt li din il-preskrizzjoni tqanqlet taħt artikolu tal-Kodiċi Ċivili, fl-istess nifs, ma jingħadx espressament liema waħda mill-preskrizzjonijiet tal-Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali tapplika. Bħala regola jibda biex jingħad, li l-applikazzjoni tal-preskrizzjoni għandha ssir b'mod restrittiv. Fis-**Sentenza fl-ismijiet Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine tal-1 ta' Lulju 1997** jingħad li "*Kien dejjem kostantament ritenut fid-dottrina li ġiet ukoll segwita mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi dan l-istitut għandu jiġi ritenut bl-iktar mod restrittiv u li fil-kamp ċivili l-Qorti ma għandhiex testendi l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni mogħtija a bażi tal-preskrizzjoni la b'mod ġeneriku.*"

Hemm ukoll qbil fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, illi jekk ma tiġix indikata espressament jew b'mod suffiċjentement ċar il-preskrizzjoni eċċepita, bl-indikazzjoni tal-artikolu u s-subinċiż speċifiku, l-eċċezzjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata mill-Qorti u għandha tiġi mwarrba (Ara **Sentenza fl-ismijiet Coleiro General Supplies Limited -vs- Sandringham Limited, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Settembru 2016**). Mhux xogħol il-Qorti li tindovina bis-saħħa ta' liema artikolu tal-liġi qed tkun eċċepita l-preskrizzjoni. Anzi l-Qorti hija rigorożiment prekluża milli tagħmel dan, għaliex tkun qed tagħmel xogħol il-parti bi preġudizzju għall-parti l-oħra fil-Kawża.

Lanqas ma huwa l-każ, li l-Qorti tqanqal minn jhedda din l-eċċezzjoni, għaliex għalkemm dan l-istitut huwa ta' ordni pubbliku, kuntrarjament

għall-kamp penali, it-tqanqil 'ex-ufficio' ta' eċċezzjoni bħal din mill-Qorti mħux konsentit fil-kamp Ċivili.

Issa l-Artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali jelenka għadd ta' perjodi ta' preskrizzjoni. Ġaladarba l-konvenuta għażlet li ma tindikax b'mod speċifiku u formali liema waħda mill-preskrizzjonijiet imsemmija tapplika. Fid-dawl tat-tagħlim indikat, din l-eċċezzjoni ser tkun respinta.

*Ir-responsabbilta' għall-inċident.*

Il-Konvenuta, permezz ta' eċċezzjoni numru erbgħa tiċħad għal kollox ir-responsabbilita' għall-inċident. Il-Qorti fliet sewwa l-atti u jirriżultalha s-segwenti:

Fl-affidavit tagħha l-Attriċi tgħid li kienet qed tistenna biex taqsam 'żebra crossing' "*Waqt li jiena kont qed nistenna fuq il-bankina sabiex naqsam fuq iż-żebra crossing, vann bin-numru ta' reġistrazzjoni NQZ 295 illi kien ipparkjat eżatt maż-żebra crossing startja u saq lura bir-reverse fid-direzzjoni tiegħi tant li ġejt milquta' u kawża tal-impatt spiċċajt instabat mal-art tat-triq."* (a' fol 47 Emfażi tal-Qorti).

Da parti tagħha l-konvenuta tixhed li waqfet u "*għamilt double parking għax ma kontx ser indum*" (a' fol 115). Waqfet fit-triq u mhux ipparkjat mal-bankina u kienet qed tagħlaq vettura oħra tant li sabha u qalilha biex issuqlu (a' fol 116). Telqet il-van free għaliex it-triq hi daqxejn inklinata u l-vann beda riesaq lura meta f'daqqa u l-ħin semgħet lil xi ħadd ipaqpqilha u meta ħarset mill-mera rat 'hand bag' mal-art (ibid). Meta niżlet rat lill-

attriċi mal-art (a' fol 116 tergo). Għandha rear mirror imma peress li l-vann huwa magħluq ma setgħetx tara wara u lanqas għandha sensors li meta tagħmel reverse jallertaw jekk ikun hemm xi oġġett jew persuna wara l-Vann. (a' fol 117). Il-pedestrian cossings kienu eżatt wara l-Vann. Laqtitha waqt li kienet fuq il-pedestrian crossing (tergo a' fol 117 Emfażi tal-Qorti).

PS Erica Galea tgħid li kollox ġara fuq iż-żebra crossing (a' fol 126 Emfażi tal-Qorti).

Ma tridx tkun xi professur dwar l-inċidenti stradali biex tasal għall-konklużjoni, li l-Konvenuta bħal donnha għamlet sforz biex tikser għadd ta' regolamenti tat-traffiku. Jidher ċar, li kienet mgħaġġla, għamlet double parking, ma żammitx distanza miż-żebra crossing, ma setgħetx tara x'hemm warajha għaliex il-vista tar-rear mirror hija ostakolata mill-vann u lanqas għandha reversing sensor. Xi ħadd daqqilha biex jallertaha u xorta seħħ l-inċident. Min-naħa l-oħra l-Attriċi kient fid-dritt tagħha lesta biex taqsam minn fuq 'zebra crossing' meta inaspettivament l-konvenuta saqet għal fuqha u jekk ma tridx bir-'reverse'.

Regolament 80 tal-Highway code jiddisponi hekk:

"*Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you. Remember that when reversing and turning, the front part of your vehicle will protrude further out into the street. ... If your view to the rear is restricted, get help*

*<u>when reversing</u> ... Do not reverse for a greater distance than is absolutely necessary*." (Emfażi tal-Qorti).

Minn imkien ma jirriżulta, li konsapevoli li ma setgħetx tara x'hemm warajha għar-raġunijiet fuq spjegati, il-konvenuta ma talbet lil ħadd biex jaralha daqxejn.

Dan huwa l-każ klassiku fejn anke jista' jiġi applikat b'serenita' l-ażjoma ta' '*res ipsa loquitur'.* Dwar dan il-prinċipju l-awtur **Ingliż Terrell** fil-ktieb **"The Law of Running-Down Cases", pag. 3** jagħmel din l-osservazzjoni:-

"*In some areas arising out of road accidents it is unnecessary for the plaintiff to prove actual negligence on the part of the defendant, as the law will infer from the nature of the accident that the driver of the defendant's vehicle has been negligent. In other words the plaintiff may prove facts which in themselves do not establish an actual breach of duty by the defendant, but from which the law will assume that the burden of proving negligence has been discharged by the plaintiff, and the defendant will be in the position of having to meet a 'prima facie' case. If he does not, or cannot, rebut that 'prima facie case', judgement will be given against him. These facts may be either proved by the plaintiff or admitted on the pleadings. Such cases of 'res ipsa loquitur' fall into well-defined groups by reason of the courts having considered certain sets of facts which continually recur and having decided that in such circumstances the plaintiff has 'prima facie' established negligence against the defendan*t".

Għalhekk din il-Qorti hija aktar minn konvinta li l-Konvenuta taħti unikament għall-inċident inkwistjoni.

<u>*Danni*</u>

Ġaladarba ġiet stabbilita r-responsabbilita' tal-konvenuta, issa jmiss li jiġu likwidati d-danni.

Fil-liġi tagħna l-likwidazjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili u li taqsam id-danni f'żewġ kategoriji: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

Speċifikatament, '*damnum emergens'* jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil li tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali*". Filwaqt li '*lucrum cessans'* jikkonsisti fit-"*telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib."*

Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward intqal li *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi*

*mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u ġrad ta' l-inkapaċità, u l-kondizjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005**).

*Damnum emergens*.

Minn eżami tal-provi jirriżulta sewwa f`hiex jikkonsistu dawn ix-xorta ta' danni. Spejjes rapport ex-parte (€350) (a' fol 19). Rental bed €70 (a' fol 20). Xtrat soda bħal din mingħand Unicare Ltd li tiswa €1000 (a' fol 49 u 61). Spejjeż oħra li jammontaw għal €171 (a' fol 22 sa 23). Għalhekk b`kollox id-danni emerġenti huma fl-ammont ta' €1,591.

*Lucrum cessans*

Fir-rigward ta' dan ix-xorta ta' dannu l-awtur Taljan Torrente jsostni li "*la valutazione del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

B'danakollu ntqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant m'għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwitattiv ta' 'arbitrio boni viri', meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (**ara Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

Għal dak li jirrigwarda l-'*lucrum cessans'*, il-Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c et** li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ. Il-kliem "inkapaċita għal dejjem" li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li "f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizza kieku ma kienx għall-event leżiv"* (P.A. *PS 30.1.2008 fil-kawża fl-isimijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata));*

*Illi hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun immexxi mill-prinċipju tar-restitutio in integrum safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu*

*mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn (P.A. PS 3.10.2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani (mħix appellata); Illi huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali" u "telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem".*

Huwa wkoll minnu li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għall-ħsara li tħalli korriment u dan meta jiddistingwu bejn "*past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain"* (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**)

Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħoloq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod finali. Il-Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonjiet

ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-'*lucrum cessans'* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dakinhar li titressaq il-kawża (**App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**). Il-każ tal-lum l-inċident seħħ fit-26 ta' April 2018.

Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, li kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (**App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe [Kollez, Vol: LXXXII.ii.242**]). Hemm ukoll ħaġa oħra li hi li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwa sew minn dakinhar tal-korriment (**70 P.A. JSP 31.1.1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna [mhux appellata]**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll li l-'multiplier' jibda jitqies minn dakinhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-attur irid isir bi tqabbil ma' dak li kien attwalment jirċievi kieku ma ndarabx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. Hekk ukoll jaħsbu l-awturi li wieħed l-aktar joqgħod fuqhom bi ħwejjeġ bħal dawn (**Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attriċi write li kienet idaħħal.

Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' **Butler -vs- Heard**. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati bħal dik ċitata aktar 'l fuq.

Fil-qosor dawn huma l-prinċipji:

Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa 'multiplier' illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni u ċioe' ta' 65 sena. Dan mħux prinċipju fiss fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanż tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirriżulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li ma kinux jippermettulha li tgħix sa 65 sena bħal ma persuna li fil-mument tas-sinistru kienet qrib jew saħansitra żebqet 65 sena u tkun għadha tista' tkompli b'ħajjitha b'mod normali bħal ma hu l-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

F'dan il-każ l-Attriċi kellha 79 sena meta sfat imtajjra. Jidher li minkejja l-eta' tagħha kienet għadha tista' tfendi għal rasha.

Fis-Sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjuġi Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012** il-Qorti kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni 'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni".*

Jiġifieri l-Qrati tagħna llum jieħdu bħala kejl l-eta' pensjonabbli u ċioe' dik ta' 65 sena. Imma l-Attriċi f'din il-kawża ilha li ssorpassat din l-eta', għalhekk dan ifisser li m'għandha tieħu xejn?

Fis-**Sentenza fl-ismijiet Galea et v. Fenech et, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu, 2004**, fejn fir-rigward ta' mara ta' 61 sena li, qabel l-inċident, kienet attiva fuq xogħol differenti, intuża 'multiplier' differenti. F'din is-Sentenza saret din l-osservazzjoni mill-Qorti tal-Appell:

"*Ċertament ċirkostanza relevanti li l-qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni hija l-eta` tad-danneġġat. Fid-data ta' l-inċident l-attriċi ġia` kellha sittin sena u, għalkemm ta' dik l-eta` kien jidher li kienet tgawdi saħħa li tippermettilha ħidma kummerċjali, kien mistenni li bl-avvanz tal-eta` dik l-attivita tonqos jew saħansitra tieqaf*

*kompletament. Għalhekk fil-komputazzjoni tal-kumpens ta' persuna ta' eta` avvanzata li ma tiddependix għall-introjtu tagħha fuq 'income' fiss bħal per eżempju pensjoni, iżda li tippretendi li l-kumpens jirrifletti l-introjtu tagħha minn xi attivita` kummerċjali qabel l-akkadut, il-qorti għandha tipprospetta l-probabbilita` ta' riduzzjoni fl-introjtu proprju minħabba l-eta` dejjem tavvanza tad-danneġġat. Dan għaliex dawn id-danni, għalkemm jitħallsu bil-quddiem, qegħdin jiġu komputati fuq firxa ta' snin futuri*".

F'dan ir-rigward 'Munkman' jagħmel osservazzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti għandha validita' inkwantu l-vittma kienet anzjana u di piu' bi preċedent simili għal dawk mertu tal-Kawża. Anke jekk din l-osservazzjoni hija f'każ ta' mewt dan jgħid li "*unless there is clear evidence in an individual case to support the view that the individual is a typical and will enjoy longer or shorter expectation of life, no further increase or reduction is required for mortality alone*" (**Munkman On Damages for Personal Injuries and Death LexisNexis 12th Ed, pg 810**).

Issa din il-Qorti ħadet ukoll inkonsiderazzjoni dak li osserva l-espert tagħha illi "*F'anzjani din in-nuqqas ta' mobilita' w ta' indipendenza għandha effett fuq il-kwalita tal-ħajja aktar sinifikanti*" (A' fol 86). L-awtur **John Munken** fil-ktieb **Munken on Damages for Personal Injuries and Death** jagħmel referenza għas-Sentenza Ingliża fl-ismijiet ta' **Frank -vs-Cox** tal-1967 u jikkwota lil 'Sachs' li jgħid hekk:

"*I take the view that when one has a person in advancing years, in some respect of impairment of movement may perhaps be more serious than it*

*is with a younger person. It is true that he has not got as many years before him through which he has to live with this discomfort, pain and impairment of movement. But it is important to bear in mind that as one advances in life one's pleasures and activities particularly become more restricted and any substantial impairment in the limited amount of activity and movement which person could undertake, in my view, becomes all the more serious on that account*" (**Munken 12th Edition, Lexis Nexis, pg 52 para 6.33**).

Il-Qorti taqbel mija fil-mija mal-osservazzjoni ta' 'Lord Sach'. Għalhekk il-Qorti ser tqies li ġaladarba d-danni jridu jiġu kalkolati mid-data tal-inċident u mhux minn meta bdiet il-kawża, il-'multiplier' fiċ-ċirkostanzi għandu jkun ta' ħames snin ikkunsidrat li l-inċident seħħ meta l-Attriċi kellha 79 sena u llum għandha 84 sena.

Ħuwa wkoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapreżentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin. L-ermenawtika sentenzjali lokali stabbilit li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm -il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża. Il-Qorti għandha wkoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenuta, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attriċi li allura għandu jkun hemm tnaqqis.

Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn m'għandhomx

jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjus raġjonevoli. F'dan il-każ il-Kawża bdiet f'Ottubru tal-2020 għalhekk il-Qorti tqies li tnaqqis ta' 14% ikun ġust tenut, l-eta' tal-vittma u li l-konvenuta għażlet li tikkontesta r-responsabbilita' meta kien daqshekk ċar li hi qiegħda fit-tort.

Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attriċi. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika.

It-tabib newroliġista tal-Qorti ikkonkluda li l-Attriċi għandha 16% diżabilita' permanenti (Ara fol 86). L-espert ex-parte Mr. Massimo Abela jasal għall-konklużjoni li l-Attriċi għandha 15% diżabilita permanenti (a' fol 18). Għalhekk din il-Qorti serenament tista' tistrieħ fuq l-espert minnha maħtur.

Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. Iżda f'dan il-każ l-Attriċi hija pensjonanta u tirċievi pensjoni ta' €10,665 fis-sena social benefits (a' fol 80). Il-Qorti ser taħdem fuq dan l-ammont.

Dan ifisser li l-'*lucrum cessans'* għandu jkun is-segwenti:

€10,665 (dħul fis-sena) x 5 (multiplier) = €53,325 - €7,466 (lump sum payment at 14%) = €45,859 * 16% (diżabilta' permanati) **€7,337.**

Ma dan irid jintgħadd l-ammont ta' '*damnum emergens'* ta' €1,591. Dan ifisser li d-danni kumplissivament jammontaw għal **€8928**. Issa huwa minnu li bħala prinċipju li *quidis non fit mora*, iżda dan huwa prinċipju ġenerali u ma jfissirx li ma jistax ikun hemm ċirkostanzi fejn l-imgħaxijiet xorta jingħataw u dan kif irribadew kemm -il darba dawn il-Qrati (Ara **Sentenza tal-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet Blye Engineering Company Limited -vs- Paolo Bonnici Limited**).

F'din il-Kawża din il-Qorti tħoss li ġaldarba l-konvenuta kellha tort manifest, kienet tistenna li tkun ammessa r-responsabbilita' u d-dibbattitu kien jillimita ruħu għall-likwidazzjoni tad-danni u ma kienx ikun hemm ħtieġa li din il-Kawża tittawwal inutilment. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li għandhom jiddekorru fuq is-somma likwidata imgħaxijiet legali tal-inqas minn meta l-Attriċi għalqet il-provi tagħha u ċioe' fis-16 ta' Mejju 2022.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tiċħad l-eċċezzjoni** ta' preskrizzjoni mogħtija mill-konvenuta.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi.

**Tilqa' it-tieni u t-tielet talbiet** Attriċi u filwaqt li tillikwida d-danni sofferti mill-Attriċi fl-ammont ta' tmint elef, disgħa mija u tmienja u għoxrin ewro

**(€8928)** u għalhekk qiegħda wkoll tikkundanna lill-konvenuta tħallas dan l-ammont lill-Attriċi bl-imgħaxijiet legali mis-16 ta' Mejju 2022 sal-pagament effettiv.

Spejjeż għall-konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**